# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 853/00**

**Numru 39**

**John's Auto Care Limited**

**vs**

**Michael Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' Lm670.40,0 (sitt mija u sebghin lira Maltin u erbghin centezmu) bilanc minn somma akbar ghall-xoghol ta' tiswija fuq il-vettura Isuzu numru tar-registrazzjoni LCA 189 u ghall-parts liema xoghol gie ezegwit mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 20 ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Settembru 1998 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha ecepixxa (fol 5 tal-atti):

1. Fl-ewwel lok t-talba attrici hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap 16) li jistabilixxi illi l-azzjoni ta' persuni li jahdmu sengha bhal fil-kaz tal-attur nomine li hu mechanic taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax il-xahar. L-allegati tiswijiiet in kwistjoni saru 'l fuq minn tlett sinin ilu.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi t-tiswijiet in kwistjoni ma sarux skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi din id-decisjoni hi limitata ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut ossija li l-azzjoni in esami hi preskritta a basi tal-artikolu 2148 (a) citat fejn jinghad li 'actions of ……. and other persons exercising any trade or mechanical art, for the price of their work or labour or the materials supplied by them' huma preskritti bit-trapass ta' tmintax il-xahar.

Ikkunsidrat

Illi gew prodotti, bhala provi, in konnessjoni mal-imsemmija eccezzjoni s-segwenti:-

a) Anthony Farrugia, direttur tas-socjeta attrici, specifika (fol 12 u 13 tal-atti) illi 'd-data tar-riparazzjonijiet kienet it-30 ta' April 1998 waqt li wara din id-data, kienu saru zewg pagamenti, akkont ta' Lm200 u Lm500 rispettivament fl-1 ta' Lulju 1998 u fis-16 ta' Settembru 1998.

b) Il-fattura relattiva ghall-istess xoghol u materjal imsemmijin fl-avviz kif ukoll 'remittance advice' fol 9 u 10 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-avviz in esami gie intavolat fil-5 ta' Lulju 2000minghajr ma gie presentat xi att gudizzjarju precedentement ossija bejn is-16 ta' Settembru 1998 u l-5 ta' Lulju 2000.

Ikkunsidrat

Illi ma tressqet ebda prova dwar xi rikonoxximent da parti tal-konvenut, tad-debitu msemmi fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk jidher li l-eccezzjoni in esami ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta mill-konvenut u tiddikjara estinta l-azzjoni in esami; Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

Alan Calleja
Deputat Registratur